# Il-Konferenza ta' Kopenhagen



**Il-Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar il-Bidla fil-Klima li se ssir f'Kopenhagen f'Diċembru li ġej qed dejjem toqrob, u għalhekk, l-Unjoni Ewropea u diversi pajjiżi oħra qed jiffinalizzaw il-pożizzjoni li se jieħdu fin-negozjati għal ftehim ġdid.**

● Fl-Amerika, is-Senat qed jiddiskuti numru ta' liġijiet li se jirregolaw l-emissjonijiet.



● Għad hemm diverġenzi bejn pajjiżi żviluppati u dawk inqas żviluppati dwar il-finanzjament biex l-ekonomiji ta' dawn tal-aħħar jużaw teknoloġiji li ma jniġġsux.

● Il-Kunsill tal-UE qabel li huwa importanti li jkun hemm mira fit-tul biex jitnaqqsu l-emissjonijiet b'80% jew 90% sas-sena 2050.

● Ġew diskussi wkoll x'miri għandu jkun hemm biex jonqsu l-emissjonijiet fis-settur tal-avjazzjoni u dak marittimu.



● Il-Kunsill tenna l-appoġġ tal-UE għal mira ta' 30% riduzzjoni fl-emissjonijiet kemm-il darba jintlaħaq ftehim f'Kopenhagen.

● L-Indja u ċ-Ċina ftehmu riċentement li jikkoperaw dwar it-tibdil fil-klima.

● Minkejja dan kollu, qed josfru t-tamiet li f'Kopenhagen se jintlaħaq qbil dwar Ftehim ġdid. In-Norveġja u l-Iżvezja dan l-aħħar ħarġu b'suġġeriment għal konferenza oħra fil-bidu tal-2010 f'każ li ma jintlaħaqx qbil f'Diċembru.


MEU SAC Malta-EU Steering & Action Committee

*280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta VLT 1112*
*2200 3300*
*info.meusac@gov.mt*
*www.meusac.gov.mt*